
VALLETTA
VALLETTA



# Baġit 2025 - Punti Ewlenin

1. Surplus Previst:
Il-Kunsill Lokali qed jipprevedi surplus ta’ **€206,270** għas-sena 2024 u surplus ieħor ta’ **€107,969** fl-2025. Dan jirrifletti t-tmexxija finanzjarja responsabbli u t-tisħiħ tal-istabbiltà ekonomika tal-Belt.

2. Riduzzjoni ta' Djun:
Djun tal-Kunsill naqsu b'mod sinifikanti minn €521,000 fl-2024 għal €240,000.
Għal 2025, il-Kunsill qed jimmira li dawn jinżlu għal €50,000 biss, b'FSI pożittiv ta' 8.75%.

3. Żieda fis-Subvenzjoni tal-Gvern:
Is-subvenzjoni mill-Gvern għal 2025 mistennija tilħaq €1,110,000. Din iż-żieda se ssaħħaħ l-investiment fil-komunità Beltija.

4. Spejjeż tal-Iskart:
Spejjeż relatati mal-ġbir u rimi tal-iskart mistennija jiżdiedu fl-2025 minħabba tariffa addizzjonali imposta minn Wastererv. Minkejja dan, il-Kunsill qed jindirizza dan b’pjan effettiv.

5. Dħul:
Id-dħul mill-permessi, LES u schemes tal-Gvern huwa mistenni li jlaħħaq €210,000 fis-sena. Dan jgħin biex jissaħħu s-servizzi tal-komunità.

6. Proġetti Maġġuri:
Ix-xiri ta' van elettriku u riġenerazzjoni tal-ġnien ta' St. Mark se jsiru b'80% ffinanzjati minn skemi tal-Kunsill. Barra minn hekk, proġett tal-bankini se jirċievi investiment ta' €100,000.

7. Inizjattivi:
Il-Kunsill qed jaħdem biex isaħħaħ l-immaniġġjar finanzjarju, b'fokus fuq servizzi sostenibbli u investiment fit-titjib tal-ħajja ta' kuljum tar-residenti tal-Belt Valletta.

Dan il-Baġit jirrifletti impenn ċar mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta biex ikompli jagħti servizzi ta' kwalità għolja, isaħħaħ il-komunità Beltija u jinvesti fi proġetti sostenibbli li jagħmlu differenza konkreta fil-ħajja ta' kuljum tar-residenti.

Minn ġestjoni finanzjarja soda u responsabbli għal inizjattivi innovattivi u proġetti ta' riġenerazzjoni, il-Belt Valletta qed tkompli tissokta tissaħħaħ bħala ċentru urban modern, rispettat u ħaj. Il-Kunsill jibqa' determinat li jżomm lill-Belt bħala post fejn it-tradizzjoni tiltaqa' ma' progress, u fejn ir-residenti huma fiċ-ċentru tal-ħidma tagħna. Flimkien, nistgħu nkomplu nibnu Belt isbaħ, aktar sigura, u mimlija opportunitajiet għal kulħadd.




Inizjattivi
fil-Komunita`


KOMPJUTER
SERVIZZ BLA ĦLAS
RESIDENTI VALLETTA


HOMEWORK
HELP


CINEMA
RESIDENTI VALLETTA
TFAL BLA ĦLAS


EDUKAZZJONI
L-Ewwel 3D Printer
fl-iskola Primarja tal-Belt Valletta


DAYCENTRE
ANZJANI


AKTAR SIGURTA`
CCTV

# ATTIVITAJIET INNOVATTIVI



# Sħubijiet u Kollaborazzjonijiet Internazzjonali

Żjara f'Cagliari: Diskussjonijiet fuq proġetti kulturali u turiżmu sostenibbli mal-kapitali tas-Sardinja.

Proposta ta' Twinning ma' Portsmouth: Sħubijiet ġodda biex insaħħu l-iskambju kulturali.

Delegazzjoni mir-Repubbblika Ċeka: Opportunitajiet ta' kollaborazzjoni f'oqsma ta' kultura u żgħażagħ.